

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-17 ta' Ġunju 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Fővárosi Bíróság — Repubblika ta'Ungerija) — Nawras Bolbol vs Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal**

(Kawża C-31/09) <sup>(1)</sup>

(Direttiva 2004/83/KE — Regoli minimi dwar il-kundizzjonijiet li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jitolbu l-istatus ta' refuġjat — Persuna mingħajr Stat ta' oriġini Palestinjana li ma talbitx il-protezzjoni jew l-għajjnuna tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Assistenza u x-Xogħol għar-Refuġjati Palestinjani tal-Lvant Qarib (UNRWA) — Applikazzjoni għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat — Ċaħda minħabba li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(A) tal-konvenzjoni dwar l-istatus ta' refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951, mhumieq sodisfatti — Dritt ta' din il-persuna mingħajr Stat għar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat abbażi tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2004/83/KE)

(2010/C 221/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

#### Qorti tar-rinviju

Fővárosi Bíróság

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Nawras Bolbol

Konvenut: Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal

#### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Fővárosi Bíróság (l-Ungerija) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat [status] ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 7, p. 96) — Persuna mingħajr stat ta' oriġini Palestinjana li ma talbitx il-protezzjoni jew l-għajjnuna tal-Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Għajjnuna u l-Ħidma għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA), li l-applikazzjoni tagħha għall-ksib tal-istatus ta' refuġjat ġiet miċħuda minħabba n-nuqqas tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève — Dritt ta' din il-persuna mingħajr stat għar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat fuq il-bażi tat-tieni sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2004/83/KE

#### Dispożittiv

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat [status] ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, persuna tibbenefika mill-protezzjoni u mill-għajjnuna ta' istituzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti oħra għajr l-UNHCR meta hija effettivament tuża din il-protezzjoni jew din l-għajjnuna.

<sup>(1)</sup> ĠU C 82, 04.04.2009.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Ġunju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża**

(Kawża C-37/09) <sup>(1)</sup>

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Ġestjoni tal-iskart mormi illegalment — Direttiva 2006/12/KE — Direttiva 80/68/KEE)

(2010/C 221/14)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-B. Laiguelot, S. Pardo Quintillán u P. Guerra e Andrade, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. J. Lois u P. Lopes, aġenti)

#### Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 4 u 8 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar l-iskart (ĠU L 114, p. 9), li kkodifikat id-Direttiva 75/442/KEE, dwar l-iskart, u tal-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 80/68/KEE, tas-17 ta' Diċembru 1979, dwar il-ħarsien ta' ilma ta' taħt l-art kontra tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 43) — Rimi ta' skart f'barrieri li ma kinux qed jintużaw iżjed — Barrieri "dos Limas, dos Linos u dos Barreiras" [Lourosa] — Nuqqas ta' kontroll

**Dispożittiv**

- (1) Billi ma adottatx il-miżuri neċessarji fil-kuntest tal-ġestjoni tal-iskart mormi illegalment fil-barrieri qodma “dos Limas” u “dos Linos”, li jinsabu fil-komun ta’ Lourosa, ir-Repubblika Portugiża naqset mill-obbligi ta’ għanna rispettivament skont l-Artikoli 4 u 8 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta’ April 2006, dwar l-iskart, li kkodifikat id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta’ Lulju 1975, dwar l-iskart, u tal-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 80/68/KEE, tas-17 ta’ Diċembru 1979, dwar il-ħarsien ta’ ilma ta’ taħt l-art kontra tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi.
- (2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Ir-Repubblika Portugiża għandha tbat, minbarra l-ispejjeż ta’ għanna, iż-żewġ terzi tal-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tbat terz tal-ispejjeż ta’ għanna stess.

(<sup>1</sup>) ĠU C 82, 4.4.2009.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ir-Raba’ Awla) tal-24 ta’ Ġunju 2010 — Barbara Becker vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-51/09 P) (<sup>1</sup>)

(“**Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Trade mark verbali Barbara Becker — Oppożizzjoni mill-proprjetarju tat-trade marks verbali BECKER u BECKER ONLINE PRO — Evalwazzjoni tal-probabbiltà ta’ konfużjoni — Evalwazzjoni tax-xebh ta’ sinjali fuq il-livelli kunċettwali**”)

(2010/C 221/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Barbara Becker (rappreżentant: P. Baronikians, avukat)

Appellati: Harman International Industries Inc. (rappreżentant: M. Vanhegan, barrister), L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Appell kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim’Istanza (l-Ewwel Awla) tat-2 ta’ Diċembru 2008, Harman International Industries

vs OHMI — Becker (Barbara Becker) (T-212/07), li biha l-Qorti tal-Prim’Istanza annullat id-Deċiżjoni R 502/2006-1 tal-Ewwel Bord ta’ Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) tas-7 ta’ Marzu 2007, li tannulla d-deċiżjoni tad-diviżjoni tal-oppożizzjoni li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali “Barbara Becker”, għall-prodotti fil-klassi 9, fil-kuntest tal-oppożizzjoni magħmula minn Harman International Industries, Inc.

**Dispożittiv**

- (1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim’Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-2 ta’ Diċembru 2008, Harman International Industries vs UASI — Becker (Barbara Becker) (T-212/07), hija annullata.
- (2) Il-kawża ġiet irrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
- (3) L-ispejjeż huma rriżervati.

(<sup>1</sup>) ĠU C 82, 04.04.2009.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-10 ta’ Ġunju 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof — Il-Ġermanja) — Leo-Libera GmbH vs Finanzamt Buchholz in der Nordheide**

(Kawża C-58/09) (<sup>1</sup>)

(“**Talba għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 135(1)(i) — Eżenzjoni tal-imħatri, tal-lotteriji u loġhob ieħor tal-azzard jew tal-flus — Kundizzjonijiet u limiti — Setgħa ta’ determinazzjoni tal-Istati Membri**”)

(2010/C 221/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Leo-Libera GmbH

Konvenuta: Finanzamt Buchholz in der Nordheide